# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 438.04

## REGOLAMENTI DWAR LOGĦOB MINN DISTANZA

20 ta’ April, 2004;
20 ta’ Lulju, 2004;
20 ta’ April, 2005

*L-AVVIŻ LEGALI 176 tal-2004, kif emendat bl-Avviżi Legali 100 tal-2006, 270 u 426 tal-2007, 90 tal-2011 u 131 tal-2016.*

Taqsima I

Preliminari

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Logħob minn Distanza.

Taqsima II

Tifsiriet

**2.** F’dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort’oħra: Tifsir. *Emendat: A.L. 90 tal-2011; A.L. 131 tal-2016.*

"apparat ta’ logħob minn distanza" tfisser magna jew apparat ieħor kemm jekk ikun elettroniku, elettriku, mekkaniku jew *computer software*, kemm jekk ikun mekkaniżmu ieħor, tagħmir jew oġġett, li jiġi użat jew ikunu tajba biex jintużaw, fit-tħaddim ta’ logħba awtorizzata u li jkun jinsab f’Malta;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor; Kap. 438.

"attivitajiet relatati ma’ logħob minn distanza" tfisser kull attività jew negozju illi l-Awtorità tqis illi raġonevolment għandhom x’jaqsmu mat-tħaddim ta' logħob minn distanza, jew ta’ xi negozju li joffri oġġetti jew servizzi lil persuni li jieħdu sehem f’logħob minn distanza li jkollu liċenza;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob;

"detentur ta' liċenza" tfisser persuna li tkun inħarġitilha mill-Awtorità liċenza għal logħob minn distanza;

"ġugata" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att;

"ġugatur" tfisser kull persuna li għalqet it-tmintax-il sena u li tieħu sehem f’'logħob minn distanza;

"kont ta' ġugatur" tfisser *record* miżmum mid-detentur ta’ liċenza, u li jkun aċċessibbli għall-ġugatur f'kull ħin, li juri l-flus li l-ġugatur ikollu jieħu mingħand id-detentur ta’ liċenza, u li jinkludi l-ġugati kollha li jsiru u l-premjijiet mirbuħa minn dak il-ġugatur u kull debitu u kreditu ieħor li huma permessi taħt dawn ir-regolamenti jew approvati mill-Awtorità;

"loghba" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att;

"logħba awtorizzata" tfisser logħob minn distanza li d-detentur ta’ liċenza hu awtorizzat jagħmel taħt dawn ir-regolamenti;

"logħob" ifisser ftehim, skema, jew arranġament bejn żewġ partijiet jew iktar biex jilagħbu flimkien logħba ta' l-azzard fejn il-

premju jew rigal li jkun flus jew xi oġġett ieħor ta' valur ta' flus, siwi, vantaġġ jew opportunità, ikun offrut jew jista' jintrebaħ u jsir jappartjeni lir-rebbieħ taħt dawk il-kondizzjonijiet definiti stabbiliti għall-fini tal-logħba;

"liċenza ta' logħob" tfisser liċenza mogħtija mill-Awtorità, lid-detentur ta' liċenza sabiex iħaddem logħob minn distanza;

"mezzi elettroniċi" tfisser kull trasferiment ta' informazzjoni elettronika kemm bit-telefonija, b'magna *facsimile*, *computer* kemm b'xi mezz ieħor ta' komunikazzjoni fil-bogħod approvat mill-Awtorità;

"mezzi ta' komunikazzjoni fil-bogħod" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att, iżda ma tinkludix reklamar ta' l-istampa b'formola fejn tista' ssir ordni jew katalgu u telefonati li jsiru mill-pubbliku matul programm tar-radju u t-televiżjoni;

"mħatri minn distanza" tfisser li tinnegozja jew tirċievi mħatra b'mezzi ta' komunikazzjoni fil-bogħod;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"sistema ta' monitoraġġ" tfisser sistema elettronika, sistema kompjuterizzata jew sistema ta' kommunikazzjoni li hija ddisinjata jew intiża għall-użu sabiex tirċievi informazzjoni mingħand jew tibgħat informazzjoni lis-sistema tad-detentur ta' liċenza, kif ikun meħtieġ mill-Awtorità għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha;

"logħob minn distanza" tfisser kull xorta ta' logħob b'mezzi ta' komunikazzjoni fil-bogħod;

"*pool betting*" tfisser mħatri magħmulin b'mod fejn ir-rebħ kollu jew parti mir-rebh ikun determinat skond it-total ta' ġugati mħallsa mill-ġugatur, jew li l-ġugatur ikun ftiehem li jħallas, u li jinqasam bejn ir-rebbieħa;

"*record* ta' logħob" tfisser kull *record* li b'mod dirett jew indirett għandu x'jaqsam ma' logħob minn distanza u ma' mħatri offruti minn detentur ta' liċenza u ma' informazzjoni dwar il-kontijiet tal-ġugaturi, ġugati li jkunu saru u r-riżultati tal-logħbiet li jintlagħbu;

"riżorsi xierqa" tfisser riżorsi finanzjarji li, fid-diskrezzjoni unika ta' l-Awtorità, huma biżżejjed biex jiżguraw il-vijabilità finanzjarja ta' l-operazzjonijiet ta' logħob minn distanza, u li huma disponibbli minn sors li mhux mittiefes b'xi illegalità;

"servizzi xierqa" tfisser is-servizzi ta' persuni li għandhom esperjenza adatta biex jiżguraw li l-operazzjoni kif imiss u b'suċċess ta' operazzjoni ta' logħob minn distanza u, jew ta' uffiċċju ta' l-imħatri minn distanza;

"*shareholding* kwalifikanti" tfisser parteċipazzjoni azzjonarja diretta jew indiretta f'kumpannija li tkun tirrappreżenta ħamsa fil-mija jew aktar tal-kapital tal-ishma maħruġ mill-istess kumpannija jew tad-drittijiet ta' vot konnessi ma' dak il-kapital azzjonarju jew li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikattiva fuq it-tmexxija tal-kumpannija, iżda meta d-drittijiet miżmuma għall-iskop tal-perċentwali tal-voti, tal-profitti disponibbli għad-distribuzzjoni u tad-drittijiet għal assi disponibbli għad-distribuzzjoni wara stralċ fir-rigward ta' dak is-sehem mhumiex

identiċi, l-ogħla ċifra perċentwali titqies li tkun il-perċentwali ta' sehem ta' ekwità miżmum, u "azzjonarju kwalifikanti" tinftiehem skont hekk:

"sistema ta' kontroll" tfisser sistema ta' kontrolli interni, u ta' proċeduri amministrattivi u ta' kontabilità għall-operat ta' uffiċċju ta' logħob minn distanza, stabbilit u miżmum f'Malta;

"sistema ta' kontroll approvata" tfisser sistema ta' kontroll approvata mill-Awtorità u għandha tinkludi sistema ta' kontroll approvata li tiġi mibdula jew modifikata bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità;

"sistema ta' logħob" tfisser sistema ta' *computer* jew sistemi ta' *computer* li permezz tagħhom jiġi mħaddem logħob minn distanza, u tinkludi l-komponenti assoċjati kollha tagħha, is-sistemi operattivi tagħhom u applikazzjonijiet ta' *software*;

"spettur" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 17 ta' l-Att;

"suq ta' l-imħatri" tfisser mħatra li jkollha punt ta' terminazzjoni magħruf sew u riżultat li jkun irid jiġi deċiż;

"uffiċjal ewlieni" tfisser persuna nominata mid-detentur ta' liċenza li jkun direttur tad-detentur ta' liċenza u li jkun residenti f'Malta.

Taqsima III

Liċenzjar

**3.** L-ebda persuna ma għandha topera jew tippromwovi jew tbiegħ jew tgħin fil-logħob minn distanza minn jew ġewwa Malta kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx detentur ta' liċenza valida tal-klassi rilevanti maħruġa mill-Awtorità kif provdut fl-Ewwel Skeda maħruġa mill-Awtorità jew ma jkollhiex awtorizzazzjoni ekwivalenti mill-gvern jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew kull ġurisdizzjoni oħra approvata mill-Awtorità. Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat kontra l-Att:

Operazzjonijiet. *Emendat: A.L. 90 tal-2011.*

Iżda l-Awtorità tista' timponi dawk il-ħtiġiet u kondizzjonijiet proporzjonati, li jkunu konformi mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, li tista' tqis meħtieġa biex taqdi l-funzjonijiet tagħha taħt l-Att, jew kif il-Ministru jista' jordna lill-Awtorità bis-saħħa tal-artikolu 12 tal-Att, dwar logħob awtorizzat taħt liġi li tkun saret f'xi stat membru tal-Unjoni Ewropea jew f'xi stat membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' xi ġurisdizzjoni oħra jew territorju ieħor approvati mill-Awtorità:

Iżda wkoll tali ħtiġiet u kondizzjonjiet għandhom ikunu kompatibbli mal-obbligi internazzjonali.

**4.** Sabiex jikkwalifika għal liċenza, l-applikant irid ikun korp ġuridiku stabbilit skond l-Att dwar il-Kumpanniji.

Kwaliliki. *Sostitwit: A.L. 270 tal-2007.* Kap. 438.

**5.** (1) Kull persuna li tkun trid tikseb liċenza imsemmija fir-regolament 3 għandha tapplika bil-miktub għand l-Awtorità.

Applikazzjonijiet.

(2) Applikazzjonijiet għal liċenza għandhom isiru fuq formoli provduti mill-Awtorità u għandu jkollhom informazzjoni dwar dan li ġej:

(i) informazzjoni bi sfond personali;

(ii) informazzjoni finanzjarja;

(iii) parteċipazzjoni f'attivitajiet legali, li jinkludu iżda mhux biss, kull interess jew ekwità f'xi attività kummerċjali oħra;

(iv) fedina penali;

(v) informazzjoni dwar kull interess finanzjarju, ta' ekwità u interessi oħra fl-applikant; u

(vi) kull informazzjoni oħra meħtieġa mill-Awtorità dwar kull direttur, uffiċjal ewlieni u kap eżekuttiv ta' l-applikant, kif ukoll dwar kull azzjonist li jkollu ħamsa fil-mija jew iktar proprjetà, jew interess ta' kontroll fl-applikant:

Iżda l-Awtorità tista', skond ma jidhrilha, titlob lil kull sid benefiċjarju ta' ishma fl-applikant jipprovdi l-informazzjoni hawn imsemmija.

(3) L-applikant jista' jvanta privileġġ mogħti lilu b'xi liġi oħra u jirrifjuta li jwieġeb xi mistoqsijiet li jsirulu jew jagħti informazzjoni mitluba mill-Awtorità meta jkun qed jagħmel l-applikazzjoni tiegħu. Madankollu t-talba għal privileġġ dwar dan tista' tkun raġuni biżżejjed biex tiġi miċħuda l-liċenza.

Hlasijiet.
*Sostitwit:*
*A.L. 90 tal-2011.*

**6.** (1) L-Awtorità m'gandha tipproċessa ebda applikazzjoni taħt dawn ir-regolamenti jew toħroġ xi liċenza li tkun saret applikazzjoni għaliha, sakemm ma jkunx sar il-las lill-Awtorità relatat mal-applikazzjoni, u li ma jingatax lura, kif stipulat fit-Tieni Skeda.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, id-detentur għandu jħallas lill-Awtorità l-ħlasijiet rilevanti tal-liċenza, ħlasijiet għat-tiġdid, ħlasijiet għall-approvazzjoni u kull ħlas amministrattiv ieħor kif stipulat fit-Tieni Skeda.

(3) L-Awtorità tista', meta jkun oġġettivament raġonevoli, teħtieġ li l-applikanti jew id-detenturi ta' liċenza jħallsu l-ispejjeż li jsiru u l-ispejjeż l-oħra kollha li jkunu saru fl-analiżi, spezzjonijiet u investigazzjonijiet li jipprovdu tagħrif dwar l-istorja, l-idonjetà u l-kwalifiki tagħhom biex jiksbu u jkollhom liċenza.

Perjodu tal-liċenza.

**7.** (1) Liċenza maħruġa mill-Awtorità tkun għal żmien ħames snin.

(2) F'għeluq dan iż-żmien liċenza tista' tiġi mġedda mill-Awtorità għal perjodi oħra ta' ħames snin kull wieħed:

Iżda f'kull każ bħal dak ta' tiġdid id-detentur tal-liċenza irid ikun dejjem ikkonforma ruħu matul il-perjodu ta' liċenza li jkun ingħatalu oriġinarjament jew fiż-żmien li matulu l-liċenza kienet mġedda, mal-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-liċenza, l-Att u

dawn ir-regolamenti u ma' kull direttiva maħruġa mill-Awtorità skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att jew ta' dawn ir-regolamenti u li jkunu applikabbli għal tali liċenza.

(3) Applikazzjonijiet għat-tiġdid ta' liċenza għandhom isiru fil-forma speċifikata mill-Awtorità u għandhom jaslu għand l-Awtorità mill-inqas sittin ġurnata qabel ma tagħlaq il-liċenza li tkun trid tiġi mġedda.

**8.** (1) L-Awtorità ma għandhiex toħroġ jew iġġedded liċenza li għaliha tkun saret applikazzjoni taħt dawn ir-regolamenti sakemm ma tkunx raġonevolment sodisfatta li l-persuni kollha involuti fil-kumpannija li tkun għamlet l-applikazzjoni ikunu persuni adatti u idoneji. Għoti tal-liċenza.

(2) Meta tkun qegħda tiddeċiedi jekk l-applikant ikunx persuna adatta u idonea, l-Awtorità għandha tqis dan li ġej

(*a*) il-karattru tal-persuni vestiti b'poter eżekuttiv fl-applikant, u r-reputazzjoni kummerċjali ta' dawk il-persuni;

(*b*) is-sitwazzjoni finanzjarja korrenti, l-isfond finanzjarju u r-reputazzjoni fil-kummerċ tal-promoturi ta' l-applikant, azzjonarji u diretturi;

(*ċ*) jekk l-applikant ikollux il-ħila meħtieġa fil-kummerċ biex imexxi b'suċċess operazzjoni ta' logħob minn distanza;

(*d*) jekk l-applikant ikollux, jew jekk jistax jikseb, ir-riżorsi adatti u jekk huwiex f'pożizzjoni illi jkollu r-riservi minimi li huma meħtieġa mill-Awtorità sabiex tassigura li r-rebħ tal-ġugaturi jiġi mħallas u d-depożiti jiġu rifużi;

(*e*) jekk l-applikant ikunx lest li jikkommetti ruħu li jkun fiżikament preżenti f'Malta;

(*f*) jekk, fil-fehma ta' l-Awtorità, l-applikant hux persuna mhux mittiefsa bl-illegalità;

(*g*) jekk l-applikant ikunx mexa ma' regoli ta' mġieba u jkun ser jieħu dawk il-passi kollha sabiex jipprevjeni *money laundering* u trasferimenti suspettużi oħra; u

(*h*) jekk l-applikant ikollux il-kapaċità u l-istrutturi ta' kontroll intern li bihom ikun jista' jħares regoli ta' mġieba u direttivi, li l-Awtorità jidhrilha adatti.

**9.** (1) Fl-għoti ta' liċenza l-Awtorità tista' tassoġġettaha għal dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa, u wara l-għoti ta' tali liċenza l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tvarja jew tirrevoka kull kondizzjoni li tkun ġiet hekk imposta, jew timponi kondizzjonijiet ġodda: Kondizzjoniet ta' liċenza.

Iżda meta l-Awtorità jidhrilha f'loku li tvarja xi kondizzjoni jew timponi xi kondizzjoni ġdida fil-liċenza, l-Awtorità għandha, sakemm tali varjazzjoni jew impożizzjoni ta' kondizzjoni ġdida ma tkunx ġiet mitluba mid-detentur tal-liċenza nnifsu, b'avviż bil-miktub tinforma lid-detentur tal-liċenza li għandha l-intenzjoni li

tvarja jew timponi tali kondizzjoni ġdida, u tinfurmah sabiex f'perjodu ta' żmien indikat fl-avviż li ma jkunx ta' inqas minn għoxrin ġurnata minn meta jkun ġie avżat skond ma jiġi speċifikat fl-istess avviż, jgħid għaliex tali kondizzjoni ġdida ma għandhiex tinbidel jew tiġi imposta, u l-Awtorità għandha tikkonsidra kull tweġiba magħmula mid-detentur ta' liċenza fil-perjodu ta' żmien indikat fl-avviż, qabel ma tgħaddi biex tvarja tali kondizzjoni jew timponi kondizzjoni ġdida.

(2) Liċenza mogħtija mill-Awtorità tista' timponi kondizzjonijiet li fost l-oħrajn ikollhom x'jaqsmu:

(*a*) ma' l-operazzjoni kif imiss ta' logħbiet interattivi;

(*b*) mal-protezzjoni tal-ġugaturi;

(*ċ*) mal-prevenzjoni ta' *money laundering*;

(*d*) ma' esiġenzi ta' interess pubbliku.

Privileġġ revokabbli.

**10.** (1) L-għoti ta' liċenza hu privileġġ revokabbli, u l-ebda detentur ta' liċenza ma għandu jiġi meqjus li akkwista xi dritt vestit fil-liċenza jew taht dik il-liċenza.

(2) L-oneru tal-prova dwar il-kwalifiki tad-detentur tal-liċenza biex ikollu liċenza, jkun f'kull waqt fuq id-detentur tal-liċenza.

L-assenjament u t-trasferiment ta' liċenza mhux permess.
*Emendat: A.L. 90 tal-2011.*

**11.** (1) Liċenza mogħtija mill-Awtorità ma tistax tiġi assenjata jew trasferita bl-ebda mod lil xi persuna oħra, mingħajr ma qabel l-Awtorità tkun tat il-kunsens tagħha bil-miktub, u tali assenjament jew trasferiment lil xi persuna oħra mingħajr il-kunsens ta' l-Awtorità ikun meqjus null u bla effett u jkun raġuni biżżejjed biex l-Awtorità tħassar dik il-liċenza.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti f'din it-taqsima tar-regolamenti, ikun id-dmir tad-detentur tal-liċenza li javża lill-Awtorità minnufih:

(*a*) b'kull bidla fil-Bord tad-Diretturi jew fit-tmexxija tad-detentur tal-liċenza, jew b'kull bidla materjali fl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni provduti skond ir-regolament 5(1) u (2), jew b'kull informazzjoni jew dokumentazzjoni oħra provduti mid-detentur tal-liċenza skond kull disposizzjoni oħra ta' l-Att jew skond kondizzjonijiet marbutin mal-liċenza;

(*b*) b'kull riżoluzzjoni jew riżoluzzjoni maħsuba, jew b'kull rikors jew rikors maħsub fil-Qorti, jew b'kull azzjoni oħra għax-xoljiment u l-istralċ tad-detentur ta' liċenza, hekk kif isir jaf b'dawn il-bidliet, riżoluzzjonijiet jew riżoluzzjonijiet maħsuba, rikorsi jew rikorsi maħsuba jew azzjonijiet.

(3) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, tkun meħtieġa l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità qabel ma persuna tkun tista' skond il-liġi:

(*a*) takkwista *shareholding* kwalifikanti fid-detentur tal-liċenza;

(*b*) iżżid *holding* eżistenti li ma jkunux żamma ta' ishma

kwalifikanti hekk li ssir *shareholding* kwalifikanti f'dak id-detentur ta' liċenza;

(*ċ*) iżżid *shareholding* kwalifikanti eżistenti f'dak id-detentur ta' liċenza b'mod li dan ikun elwivalenti jew jaqbeż il-ħamsa fil-mija tal-kapital ta' l-ishma maħruġ mid-detentur ta' liċenza, jew tad-drittijiet ta' vot konnessi ma' dak il-kapital azzjonarju, jew li jġiegħel lid-detentur ta' liċenza jsir sussidjarju ta' dik il-persuna;

(*d*) inaqqas *shareholding* kwalifikanti f'dak id-detentur ta' liċenza b'mod li jaqa' taħt il-ħamsa fil-mija tal-kapital ta' ishma maħruġ mid-detentur ta' liċenza, jew tad-drittijiet ta' vot konnessi ma' dak il-kapital azzjonarju;

(*e*) inaqqas *shareholding* kwalifikanti f'dak id-detentur ta' liċenza b'mod li ma jibqax aktar azzjonarju kwalifikanti.

(4) Huwa d-dmir ukoll tad-detentur tal-liċenza li jfittex li jikseb minn qabel l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità qabel ma jieħu xi waħda minn dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

(*a*) li d-detentur tal-liċenza jbiegħ jew jiddisponi min-negozju tiegħu kollu jew parti minnu;

(*b*) li d-detentur ta' liċenza jingħaqad ma' xi kumpannija oħra;

(*ċ*) li jkun hemm ir-rikostruzzjoni, jew diviżjoni ta' kumpannija;

(*d*) it-tnaqqis tal-kapital azzjonarju nominali jew maħruġ tad-detentur ta' liċenza jew li jżid jew inaqqas il-kapital azzjonarju tiegħu votanti jew jagħmel xi bidla materjali fil-jeddijiet għall-votazzjoni f'dak id-detentur ta' liċenza;

(*e*) jagħmel xi arranġament kontrattwali ma' xi fornitur jew enti li tipprovdi servizzi, jekk tali fornitur jew enti tkun qegħda tirċievi perċentwali mill-profitti ta' l-operazzjoni ta' logħob minn distanza jew kummissjoni, minħabba f'dak il-fteħim;

(*f*) iċ-ċessjoni tal-liċenza mid-detentur ta' liċenza waqt iż-żmien li tkun għadha għaddejja l-liċenza.

(5) Meta d-detentur tal-liċenza jew xi persuna oħra tiegħu xi waħda mill-azzjonijiet imsemmijin fis-subregolament (3)(*a*) sa (*e*) u fis-subregolament (4)(*a*) sa (*f*) mingħajr ma qabel jikseb l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità, jew inkella jikser xi patt u kondizzjoni speċifikata mill-Awtorità f'dak l-għoti ta' dik l-approvazzjoni, l-Awtorità tista', mingħajr preġudizzju għall-poteri tagħha taħt ir-regolamenti 14 u 15 -

(*a*) toħroġ direttiva fejn tiddikjara dik l-azzjoni jew trasferiment nulli u bla effett, liema direttiva għandha tkun effettiva kontra kull min ikun involut f'dik l-azzioni jew trasferiment minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra u, jew

(*b*) toħroġ direttiva lil dak id-detentur tal-liċenza jew, skond ma jkun il-każ, lil dik il-persuna biex tagħmel, jew ma tagħmilx, xi ħaġa li l-Awtorità tara opportun fiċ-ċirkostanzi,

u tali detentur ta' liċenza jew, skond ma jkun il-każ, tali persuna għandha tħares kull tali direttiva maħruġa lilhom mill-Awtorità skond il-paragrafu (*b*), u fin-nuqqas ta' dan ikunu ħatja ta' reat kontra l-Att.

Avviż mill-Awtorità.

**12.** (1) Meta persuna jew detentur ta' liċenza jkun fittex li jikseb l-approvazzjoni ta' l-Awtorità taħt ir-regolament 11(3) u (4), Awtorità għandha fi żmien raġonevoli, liema żmien ma għandux ikun ta' iktar minn disgħin ġurnata minn meta tkun intalbet l-approvazzjoni tagħha, tinforma bil-miktub lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza li tkun fittxet li tikseb l-approvazzjoni, bid-deċizjoni tagħha:

Iżda meta l-Awtorità toġġezzjona għal dik l-azzjoni li għaliha tkun intalbet l-approvazzjoni, din għandha fl-istess avviż tagħti r-raġunijiet tagħha għal dik l-oġġezzjoni:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha wkoll fl-istess avviż tinforma lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza li huma jistgħu jgħidu, f'dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit fl-istess avviż u li ma jkunx ta' inqas minn wieħed u għoxrin jum wara l-ħruġ ta' l-avviż, għaliex ma għandhiex tittieħed dik id-deċiżjoni, u l-Awtorità għandha tikkunsidra l-ilmenti li jsiru minn dik il-persuna jew detentur ta' liċenza, qabel ma tieħu deċiżjoni li tkun waħda finali.

(2) L-Awtorità tista', qabel ma tieħu deċiżjoni finali, titlob lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza li jkun talab l-approvazzjoni ta' l-Awtorità, sabiex jgħaddilha dik l-informazzjoni jew dokumenti li l-Awtorità tista' tkun raġonevolrnent tchtieġ sabiex tieħu deċiżjoni.

(3) Meta l-Awtorità tkun tat l-approvazzjoni li tkun ġiet mitluba:

(*a*) l-att jew l-okkorrenza li għalih tkun intalbet l-approvazzjoni ta' l-Awtorità irid iseħħ fi żmien tnax-il xahar minn meta l-persuna jew detentur tal-liċenza li tkun talbet l-approvazzjoni, jirċievi avviż bil-miktub dwar l-approvazzjoni;

(*b*) l-Awtorità tista' timponi dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa jew spedjenti.

(4) (*a*) Meta detentur ta' liċenza jkun talab l-approvazzjoni ta' l-Awtorità sabiex iċedi l-liċenza, l-Awtorità ma għandhiex tagħti l-approvazzjoni tagħha kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li d-detentur ta' liċenza ma jkun kiser l-ebda disposizzjoni ta' l-Att, tar-regolamenti, ta' xi direttiva maħruġa mill-Awtorità jew il-kondizzjonijiet tal-liċenza, fiż-żmien li fih tkun saret it-talba għall-approvazzjoni.

(*b*) L-Awtorità tkun teħtieġ ukoll prova illi l-flus tal-ġugaturi jkunu ġew debitament mogħtijin lura jew li jkunu saru arranġamenti oħra dwar dawk il-flus, liema

arranġamenti jkunu sodisfaċenti għall-Awtorità.

Sospensjoni u tħassir ta' liċenza.
*Emendat: A.L. 90 tal-2011.*

**13.** (1) L-Awtorità tista' tordna s-sospensjoni jew it-tħassir ta' liċenza jekk:

(*a*) persuna li jkollha interess fid-detentur ta' liċenza jew uffiċjal ewlieni tad-detentur ta' liċenza jinstab ħati f'xi pajjiż jew territorju ta' reat li jkun punibbli bi priġunerija f'dak il-pajjiż jew territorju;

(*b*) id-detentur ta' liċenza jkun naqas milli jikkonforma ruħu ma' xi patt jew kondizzjoni materjali tal-liċenza tal-logħob mid-distanza u dan mingħajr ebda kawża raġonevoli;

(*ċ*) id-detentur ta' liċenza jkun naqas milli jonora l-obbligi finanzjarji ta' l-attività tiegħu bħala detentur ta' liċenza jew l-Awtorità jkollha għaliex taħseb illi dan in-nuqqas huwa imminenti;

(*d*) id-detentur ta' liċenza ma jkunx likwidu jew ikun qiegħed għaddej minn stralċ;

(*e*) id-detentur ta' liċenza japplika għal ordni, jew ikun imġiegħel b'kull mezz jew għal xi raġuni, ma jkomplix jew iwaqqaf l-operazzjonijiet tiegħu;

(*f*) il-liċenza għall-logħob minn distanza tkun ġiet akkwistata b'tagħrif falz jew qarrieqi jew b'xi mod ieħor li ma jkunx xieraq;

(*g*) id-detentur ta' liċenza ikun qiegħed jikser il-liġijiet jew ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ f'xi żmien dwar il-*money laundering*;

(*h*) id-detentur ta' liċenza jkun naqas milli jonora l-obbligi tiegħu lejn il-ġugaturi;

(*i*) id-detentur ta' liċenza jkun naqas milli jħallas lill-Awtorità fil-ħin it-taxxi fuq il-logħob jew l-imħatri;

(j) l-Awtorità, fid-diskrezzjoni unika tagħha, tiddeċiedi li jkun hemm raġunijiet materjali u biżżejjed biex tissospendi jew tirrevoka l-liċenza;

(*k*) l-Awtorità raġonevolment jidhrilha li għandha tissospendi jew tħassar il-liċenza fl-interess nazzjonali; u

(*l*) l-Awtorità tkun raġonevolment sodisfatta illi d-detentur ta' liċenza huwa ta' periklu għar-reputazzjoni tal-logħob f'Malta.

(2) (*a*) Meta liċenza tiġi sospiża, revokata jew tagħlaq, id-detentur ta' liċenza xorta jibqa' responsabbli għal kull ħaġa li jkun għamel jew naqas milli jagħmel qabel ma l-liċenza tkun ġiet sospiża, revokata jew tkun għalqet.

(*b*) Id-detentur ta' liċenza jibqa' responsabbli għall-ħlas ta' kull dritt ukoll waqt li l-liċenza tkun sospiża.

Avviż ta' sospensjoni, tħassir.

**14.** (1) Meta jkun hemm raġuni għat-tħassir jew sospensjoni ta' liċenza taħt ir-regolament 13, l-Awtorità għandha, b'avviż bil-

miktub, titlob lid-detentur ta' liċenza u tista' titlob lil xi persuna oħra li fil-fehma tagħha jkollha interess fil-liċenza, tgħid għaliex, f'dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit fl-istess avviż u li ma jkunx ta' inqas minn wieħed u għoxrin jum wara l-ħruġ ta' l-avviż kif speċifikat fl-istess avviż, il-permess ma għandux jiġi mħassar jew sospiż minħabba f'dik ir-raġuni li tiġi msemmija fl-avviż:

Iżda l-Awtorità tista', fl-istess avviż, teħtieġ li l-persuna li tirċievi l-avviż skond dan ir-regolament, tagħti kull informazzjoni jew dokumenti li l-Awtorità jidhrilha li jkunu meħtieġa fiċ-ċirkostanzi.

(2) L-Awtorità għandha tqis kull risposta mogħtija taħt is-subregolament (1) hekk li:

(*a*) meta l-ħaġa tiġi solvuta kif tixtieq hija, ma għandha tieħu l-ebda azzjoni ulterjuri u għandħa tgħarraf b'dan lid-detentur ta' liċenza skond hekk;

(*b*) meta, għalkemm il-ħaġa tiġi solvuta kif tixtieq hija, tqis li ma jkunx hemm ħtieġa ta' azzjoni ulterjuri, hija għandha tammonixxi lid-detentur ta' liċenza bil-miktub; jew

(*ċ*) meta l-ħaġa ma tiġiex solvuta kif tixtieq hija, u tqis li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri, hija tista':

(i) b'avviż bil-miktub, tagħti ordni lid-detentur ta' liċenza li jidhrilha opportun, jew

(ii) tissospendi l-liċenza għal dak iż-żmien li jidhrilha opportun, jew tħassar dik il-liċenza.

(3) Meta ordni mogħtija mill-Awtorità taħt is-subregolament (2)(*ċ*)(i) ma tiġix imħarsa fiż-żmien indikat fl-avviż, l-Awtorità għandha tħassar il-liċenza.

## Taqsima IV

## Uffiċjal ewlieni

Hatra ta' uffiċjal ewlieni.

**15.** (1) Detentur ta' liċenza għandu jaħtar ta' l-inqas uffiċjal ewlieni wieħed u dik il-ħatra tiegħu għandha tkun approvata mill-Awtorità u tkun waħda mill-kondizzjonijiet tal-liċenza.

(2) Uffiċjal ewlieni għandu:

(*a*) jissorvclja personalment l-operazzjonijiet tad-detentur ta' liċenza li tiegħu jkun uffiċjal ewlieni;

(*b*) jiżgura ruħu li d-detentur ta' liċenza jħares il-liġijiet u r-regolamenti kollha li japplikaw, il-kondizzjonijiet tal-liċenza u kull direttiva mogħtija mill-Awtorità lid-detentur ta' liċenza.

Applikazzjoni għal uffiċjal ewlieni.

**16.** L-applikazzjoni għall-ħatra ta' uffiċjal ewlieni għandha ssir lill-Awtorità bil-miktub, fuq formola approvata.

L-uffiċjal ewlieni jkun persuna xierqa u idonea.

**17.** L-Awtorità ma għandhiex toħroġ liċenza lil applikant għal liċenza ta' uffiċjal ewlieni sakemm ma tkunx sodisfatta illi tali persuna hi idonea u adatta sabiex tħares l-obbligi tagħha u taqdi

dmirijietha.

**18.** (1) L-Awtorità għandha tħassar il-liċenza ta' uffiċjal ewlieni jekk dak l-uffiċjal: Tħassir ta' liċenza ta' uffiċjal ewlieni.

(*a*) ma jibqax residenti f'Malta;

(*b*) ma jibqax direttur tad-detentur ta' liċenza;

(*ċ*) ma jibqax, fid-diskrezzjoni unika ta' l-Awtorità, persuna idonca u adatta.

(2) L-Awtorità tista' tħassar il-liċenza ta' uffiċjal ewlieni jekk dak l-uffiċjal jinstab ħati f'xi pajjiż jew territorju ta' reat punibbli bi priġunerija.

**19.** Liċenza ta' uffiċjal ewlieni tibqa' valida sakemm tiġi mħassra mill-Awtorità taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tar-regolament 18 jew sakemm din tingħata lura mid-detentur lill-Awtorità: Perjodu ta' liċenza ta' uffiċjal ewlieni.

Iżda liċenza ta' uffiċjal ewlieni ma tistax tingħata lura mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità.

Taqsima V

Sistema ta' Kontroll

**20.** (1) Applikant għal-liċenza għandu jippreżenta bil-miktub lill-Awtorità, għall-finijiet ta' approvazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema ta' kontroll li jkun bi ħsiebu juża waqt l-operazzjonijiet tiegħu: Speċifikazzjonijiet tas-sistema ta' kontroll.

Iżda d-detenturi ta' liċenza li s-sistema ta' logħob tagħhom tkun *hosted* minn detentur ta' liċenza tal-Klassi 4 huma eżenti minn dan ir-rekwiżit.

(2) Kull dokument preżentat bħal dawk għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar:

(*a*) l-operazzjoni ta' logħob minn distanza;

(*b*) il-proċeduri ġenerali li jridu jiġu segwiti għall-operazzjoni ta' logħob minn distanza;

(*ċ*) *software* tal-*computer* fejn dan japplika;

(*d*) proċeduri biex jiġu rrekordjati u mħallsa l-premjijiet mirbuħa bil-logħob minn distanza;

(*e*) sistemi u proċeduri ta' kontijiet;

(*f*) proċeduri li għandhom jiġu segwiti biex tintlagħab logħba;

(*g*) proċeduri u *standards* għaż-żamma, sigurtà, ħżin u trasportazzjoni ta' apparat li jkun ser jintuża biex isir logħob minn distanza;

(*h*) proċeduri għall-ħolqien u ż-żamma ta' faċilitajiet ta' sigurtà li jkunu jinkludu ħarsien u kontrolli interni ġenerali relatati mad-dħul fis-sistemi kritiċi;

(*i*) pjan ta' rkupru f'każ ta' diżastru;

(*j*) sistema adegwata għall-ħażna ta' informazzjoni;

(*k*) kull informazzjoni oħra li l-Awtorità tista' tkun teħtieġ:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw ukoll meta d-detentur ta' liċenza jkun bi ħsiebu jibdel sistema ta' kontroll li kienet diġà approvata mill-Awtorità.

Ittestjar ta' sistema ta' kontroll.

**21.** (1) L-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni unika tagħha, tissottometti jew tordna lill-applikant jew lid-detentur ta' liċenza biex jissottometti s-sistema ta' kontroll li tkun ġiet proposta jew sistema ta' kontroll li tkun ġiet approvata, għall-verifika.

(2) L-ispejjeż li jsiru għall-awditjar iridu jitħallsu mill-applikant jew mid-detentur ta' liċenza, skond il-każ.

Approvazzjoni tas-sistema ta' kontroll.

**22.** Meta tkun qegħda tikkonsidra jekk għandhiex tagħti l-approvazzjoni msemmija taħt ir-regolament 20, l-Awtorità għandha tikkonsidra dan li ġej:

(*a*) jekk is-sistema ta' kontroll proposta jew it-tibdiliet proposti humiex konformi mar-rekwiżiti kollha ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti;

(*b*) jekk is-sistema ta' kontroll proposta jew it-tibdiliet proposti fis-sistema ta' kontroll ikunux jipprovdu kontroll effettiv u sodisfaċenti fuq l-operazzjoni ta' logħob minn distanza.

Avviż mill-Awtorità.

**23.** L-Awtorità għandha b'avviż bil-miktub tinforma lill-applikant jew lid-detentur ta' liċenza bid-deċiżjoni tagħha u meta l-approvazzjoni skond ir-regolament 22 ma tkunx ingħatat, l-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet għaliex ma tkunx ingħatat l-approvazzjoni:

Iżda f'każijiet fejn l-approvazzjoni tingħata, l-Awtorità jkollha d-dritt illi b'direttiva tordna lill-applikant jew detentur ta' liċenza biex jibdel jew jirranġa s-sistema ta' kontroll approvata b'kull mod li jkun, f'perjodu ta' żmien li ma jkunx inqas minn tletin ġurnata mid-data li fiha l-applikant jew id-detentur ta' liċenza ikun ġie notifikat bid-direttiva:

Iżda wkoll in-nuqqas ta' ħarsien tad-direttiva jkun raġuni biżżejjed biex l-Awtorità ma tagħtix il-liċenza jew, skond ma jkun il-każ, tissospendi l-liċenza.

Il-logħob irid jiġi mħaddem taħt sistema ta' kontroll.

**24.** Il-logħob minn distanza kollu jrid jitħaddem taħt dik is-sistema ta' kontroll li tkun ġiet approvata mill-Awtorità.

## Taqsima VI

## Sistema ta' Logħob

Konformità ta' sistema ta' logħob.

**25.** Applikant għal liċenza jew detentur ta' liċenza għandu għal kull sistema ta' logħob ġdida, u qabel ma sistema bħal dik tibda titħaddem, jipprovdi lill-Awtorità ċertifikazzjoni xierqa li tista' tintalab mill-Awtorità:

Iżda ċ-ċertifkazzjoni trid turi illi fis-sitt xhur ta' qabel dik is-sistema ta' logħob kienet konformi ma' kull rekwiżit tekniku msemmi fit-Tielet Skeda.

Ċertifikazzjoni tas-sistema ta' logħob.

**26.** Iċ-ċertifikazzjoni li tingħata lill-Awtorità għall-approvazzjoni għandha, meta s-sistema tkun ibbażata fuq *software* tal-*computer*, tinkludi din l-informazzjoni li ġejja:

(*a*) l-isem tas-sid tas-*software*;

(*b*) l-isem ta' l-organizzazzjoni li tkun eżaminat is-sistema kif mitlub mill-Awtorità;

(*ċ*) il-kumpanniji u organizzazzjonijiet kollha involuti fil-proċess u l-kredenzjali tagħhom;

(*d*) l-individwi kollha involuti fil-proċss u l-kredenzjali professjonali tagħhom;

(*e*) il-proċessi, regoli u parametri tal-logħbiet;

(*f*) *server protocols*, *communication protocols* u speċifikazzjonijiet oħra li huma parti mill-arkittetura tas-sistema ta' logħob;

(*g*) informazzjoni dwar is-sigurtà tas-sistema;

(*h*) liema moduli jolqtu l-proċessi, regoli u parametri tal-logħba jekk jinbidel is-*source code*;

(*i*) kull informazzjoni oħra li hija ta' importanza materjali għal dak is-*software* speċifiku;

(*j*) deskrizzjoni dettaljata ta' kif l-arkitettura ta' l-applikazzjoni u l-arkitettura tas-sistema huma mwaqqfa u kif jaħdmu.

Kull bid fis-sistema tal-logħob irid ikun approvat.

**27.** Ma jista' jsir ebda tibdil fis-sistema ta' logħob, mingħajr ma qabel l-Awtorità tkun tat l-approvazzjoni tagħha u jkun hemm ċertifikazzjoni addizzjonali dwar il-konformità.

Avviż mill-Awtorità.

**28.** Meta l-Awtorità ma tapprovax is-sistema ta' logħob, din għandha tinforma bil-miktub lill-applikant jew lid-detentur ta' liċenza u tagħti raġunijiet tagħha għaliex l-approvazzjoni ma tkunx ingħatat.

Ittestjar ulterjuri ta' sistema ta' logħob.

**29.** Minkejja li s-sistema ta' logħob tkun ġiet approvata għall-operazzjoni, l-Awtorità tista' tordna f'kull ħin lid-detentur ta' liċenza sabiex jissottometti s-*software* tas-sistema biex dan jiġi eżaminat ulterjorment, iċċekkjat jew verifikat, u l-ispejjeż biex dan isir għandhom jitħallsu mid-detentur ta' liċenza.

Apparat tal-logħob.

**30.** (1) Ebda apparat tal-logħob ma jista' jiġi użat fl-operazzjoni ta' logħba awtorizzata konformement mal-liċenza ta' mħatri jew logħob minn distanza, mingħajr l-approvazzjoni ta' l-Awtorità.

(2) L-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub, titlob li apparat ta' logħob jiġi ppreżentat għal ċertifikazzjoni minn kumpannija jew organizzazzjoni approvata.

Kumpanniji ta' ċertifikazzjoni approvati.

**31.** L-Awtorità tista' f'kull żmien wara li jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti tippubblika lista ta' kumpanniji u organizzazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni approvati.

Taqsima VII

Reġistrazzjoni ta' Ġugaturi

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' ġugaturi.

**32.** (1) Detentur ta' liċenza ma jistax iħalli persuna tipparteċipa bħala ġugatur f'logħba awtorizzata u mmexxija mid-detentur ta' liċenza kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx ġiet reġistrata bħala ġugatur u jkollha kont mad-detentur ta' liċenza.

(2) (*a*) Id-detentur ta' liċenza jista' biss jirreġistra persuna bħala ġugatur jekk biss dak id-detentur ikun irċieva mingħand dik il-persuna applikazzjoni ghar-reġistrazzjoni.

(*b*) L-applikazzjoni għandha ta' l-inqas tkun tinkludi dawn id-dettalji:

(i) l-età tal-ġugatur li tkun aktar minn tmintax-il sena;

(ii) l-identità tal-ġugatur;

(iii) il-post fejn il-ġugatur ikun residenti;

(iv) l-indirizz validu tal-posta elettronika tal-ġugatur:

Iżda jekk id-detentur ta' liċenza isir jaf li persuna tkun tat informazzjoni falza f'dan ir-rigward, id-detentur ta' liċenza ma għandux jirreġistra lil dik il-persuna u jekk dik il-persuna tkun diġà ġiet reġistrata, id-detentur ta' liċenza għandu minnufih iħassar ir-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna bħala ġugatur mad-detentur ta' liċenza.

(3) L-ebda persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena ma tista' tiġi reġistrata bħala ġugatur u kull flejjes depożitati jew flus mirbuħa minn tali persuni għandhom jiġu konfiskati mill-Awtorità.

(4) Id-detentur ta' liċenza għandu, f'kull żmien, iżomm lista sigura u *online* tal-ġugaturi reġistrati kollha.

(5) Kull ġugatur individwali jista' biss jirreġistra kont wieħed mad-detentur ta' liċenza.

Informazzjoni li tingħata lill-ġugaturi.

**33.** Detentur ta' liċenza għandu jipprovdi din l-informazzjoni li ġejja lill-ġugaturi:

(*a*) ir-regoli kollha ta' logħob awtorizzat immexxi mid-detentur ta' liċenza;

(*b*) kull ħlas ta' proċessar relattiv li jrid jitħallas mill-ġugatur.

Il-ġugaturi għandhom iħarsu r-regoli.

**34.** Il-ġugaturi ta' logħba awtorizzata għandhom jikkonformaw ruħhom mar-regoli kollha msemmija fir-regolament 33(*a*).

Taqsima VIII

Kontijiet tal-Ġugaturi u Ħlas għal Rebħ li jsir

Kif jinżammu l-kontijiet ta' ġugaturi.

**35.** (1) Id-detentur ta' liċenza għandu jifta' u jżomm kont ta' ġugatur għal kull ġugatur li jkun reġistrat mad-detentur ta' liċenza.

(2) Id-detentur ta' liċenza għandu jpoġġi fil-kont miftuħ għal ġugatur reġistrat skond is-subregolament (1) dawk il-flejjes kollha li -

(*a*) id-detenturta' liċenza jirċievi mingħand jew għan-nom tal-ġugatur; jew

(*b*) id-detentur ta' liċenza ikollu jagħti lill-ġugatur.

(3) Id-detentur ta' liċenza ma għandu jaċċetta ebda ġugata mingħand ġugatur kemm-il darba:

(*a*) ma jkunx ġie miftuħ kont ta' ġugatur f'isem il-ġugatur u jkun hemm fondi biżżejjed fil-kont biex ikopru l-ammont tal-ġugata; jew

(*b*) il-flejjes meħtieġa biex ikopru l-ammont tal-ġugata ma jkunux ġew provduti b'mod approvat.

(4) Detentur ta' liċenza ma għandux jirċievi flus kontanti mingħand ġugatur u l-flus mingħand il-ġugatur jistgħu biss jiġu aċċettati b'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin:

(i) karti ta' kreditu;

(ii) karti ta' debitu;

(iii) trasferiment elettroniku;

(iv) trasferiment bil-fil;

(v) b'ċekk;

(vi) b'kull mod ieħor approvat mill-Awtorità.

(5) Detentur ta' liċenza ma għandux jipprovdi kreditu lil ġugatur jew għall-kont ta' ġugatur jew iservi ta' aġent għal persuna li tipprovdi kreditu biex jiffaċilita l-għoti ta' kreditu lil ġugatur jew għall-kont ta' ġugatur.

Hlas lill-ġugaturi.
*Emendat: A.L. 426 ta' l-2007.*

**36.** Detentur ta' liċenza ma jistax iħallas lill-ġugatur, mill-kont tal-ġugatur, somma li taqbeż l-elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) qabel ma jkunu ġew verifikati l-identità, l-età u l-post ta' residenza tal-ġugatur.

Rifużjoni ta' fondi.

**37.** (1) Detentur ta' liċenza għandu, fuq talba ta' ġugatur reġistrat li f'ismu jkun infeta' kont ta' ġugatur, jagħti lura lill-ġugatur dawk il-flus fil-kont li jkunu jappartjenu lill-ġugatur sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol, jekk dan ikun prattikabbli, minn meta tkun saret it-talba.

(2) L-ammont jista' biss jingħata lura lill-ġugatur mid-detentur ta' liċenza, fl-istess kont li minnu l-flejjes mpoġġija fil-kont tal-ġugatur ikunu oriġinaw.

(3) Detentur ta' liċenza jista', qabel jagħti lura xi flejjes lil ġugatur skond is-subregolament (1), jieħu dak iż-żmien raġonevolrnent meħtieġ bil-għan li:

(*a*) jivverifika r-reġistrazzjoni tal-ġugatur bħala ġugatur;

(*b*) jivverifika l-logħob li jkun sar mill-ġugatur;

(*ċ*) jieħu proċedimenti ta' sigurtà u proċedimenti oħra interni fir-rigward tal-kont ta' ġugatur; u

(*d*) jiżgura ruħu li r-regoli approvati dwar l-għoti ta' premjijiet lill-ġugaturi jkunu ġew imħarsa.

In-negozju bil-flus tal-ġugaturi huwa ristrett.

**38.** Detentur ta' liċenza ma jistax jagħmel negozju bl-ammonti ta' flejjes fil-kont ta' kreditu ta' ġugatur ħlief:

(*a*) sabiex jiddebita l-kont b'ġugata li jagħmel il-ġugatur

jew bl-ammont li l-ġugatur jindika li jrid jilgħab waqt logħba awtorizzata li l-ġugatur ikun qiegħed jilgħab jew li jkun ser jilgħab;

(*b*) sabiex jagħti lura flejjes mill-kont ta' kreditu tal-ġugatur li jkunu jappartjenu lill-ġugatur, fuq talba ta' ġugatur innifsu, skond ir-regolament 37;

(*ċ*) sabiex iħallas spejjeż bankarji li jkunu ta' ammont raġonevoli fuq depożiti li jirċievi u flejjes miġbuda; jew

(*d*) kif ikun xort'oħra awtorizzat b'dawn ir-regolamenti.

Xi jsir mill-flejjes tal-ġugaturi.

**39.** F'każ illi ma tkun saret ebda transazzjoni fil-kont ta' ġugatur għal tletin xahar, id-detentur ta' liċenza għandu jagħti lura lill-ġugatur il-bilanċ li jkun hemm fil-kont tiegħu, jew jekk il-ġugatur ma jkunx jista' jinstab, lill-Awtorità:

Iżda ma għandha ssir ebda talba kontra detentur ta' liċenza li jkun ta lura l-bilanċ f'kont ta' ġugatur lill-Awtorità.

Il-flus tal-ġugatur għandhom jinżammu f'kontijiet separati.
*Emendat: A.L. 110 tal-2006.*

**40.** (1) Detentur ta' liċenza għandu jżomm il-flejjes tal-ġugaturi b'mod separat mill-flejjes tiegħu, f'kont tal-klijenti li jinżamm f'istituzzjoni ta' kreditu approvata mill-Awtorità.

(2) (*a*) Il-flejjes fil-kont tal-ġugaturi, inklużi dawk il-fondi li jkunu ser jiġu mċaqalqa jew li jkunu fil-proċess li jiġu mgħoddija mis-sistema bankarja jew minn soċjetajiet li jipproċessaw il-karti ta' kreditu, għandhom f'kull żmien ikunu ta' l-inqas daqs l-ammont sħiħ li jkun jappartjeni għall-kontijiet tal-ġugaturi miżmuma mid-detentur ta' liċenza:

Iżda jekk il-flejjes li jappartjenu fil-kont tal-klijenti isiru inqas mill-ammont sħiħ li jappartjeni fil-kontijiet tal-ġugaturi, id-detentur ta' liċenza għandu jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas mill-flejjes tiegħu nnifsu dan fi żmien tletin ġurnata mill-aħħar tax-xahar li fih ikun seħħ dak in-nuqqas.

(*b*) L-Awtorità tista', fid-diskrezzjoni tagħha biss u għall-finijiet ta' dan ir-regolament, tqis li dawk il-flejjes miżmuma f'kontijiet oħra li jappartjenu jew li huma kontrollati mid-detentur ta' liċenza għandhom jiġu inklużi ma' flejjes fil-kont tal-klijenti.

(3) L-istituzzjoni ta' kreditu li fiha jkun hemm kont tal-klijenti għandha tiddikjara u tafferma bil-miktub illi:

(*a*) ma tippruvax tenforza jew tesegwixxi, xi ħlas, tħassir, tpaċija jew xi pretenzjoni oħra kontra l-kont ta' klijent;

(*b*) ma tgħaqqadx dak il-kont ma' xi kont ieħor dwar xi dejn dovut lilha mid-detentur ta' liċenza;

(*ċ*) tpoġġi interessi pagabbli lil kont tal-klijenti, f'dak il-kont biss:

Iżda d-detentur ta' liċenza għandu jġib prova lill-Awtorità li turi li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun intrabtet b'dan il-mod.

(4) (*a*) Bil-għan li tħares il-flejjes tal-ġugaturi l-Awtorità tista', għal raġuni valida, tordna lid-detentur ta' liċenza, permezz ta' direttiva, sabiex jagħmel garanzija bankarja favur l-Awtorità.

(*b*) Il-garanzija bankarja għandha tkun ta' ammont u għal tul ta' żmien, kif jiġi stabbilit mill-Awtorità:

Iżda jekk id-detentur ta' liċenza jonqos milli jikkonforma ruħu mad-direttiva fi żmien tliet ijiem tax-xogħol minn meta tkun ħarġet dik id-direttiva, l-Awtorità tista' tissospendi l-liċenza.

(5) Għall-fini li jiġi evitat kull dubju dwar l-effett ta' dan ir-regolament, salv skond ma jista' jiġi espliċitament stipulat fil-mandat ta' sekwestru, ebda mandat ta' sekwestru kawtelatorju jew eżekuttiv ma għandu jkollu xi effett jew jiftiehem bħala li qatt kellu xi effett fuq flejjes tal-ġugatur, inkluż flejjes f'kont tal-klijenti li jkollu d-detentur tal-liċenża li jinżammu f'istituzzjoni ta' kreditu jew f'kont ta' *trustee* li f'isem id-detentur tal-liċenza jżomm, jikkontrolla, jamministra jew iħaddem b'kull mod ieħor flejjes tal-ġugaturi, li jinżammu f'istituzzjoni ta' kreditu, flejjes tal-ġugaturi li jkunu qegħdin jitmexxew jew li jkunu qegħdin jiġu proċessati mis-sistema bankarja jew minn kumpanniji li jipproċessaw karti ta' kreditu, inklużi istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll flejjes ta' ġugaturi miżmuma f'kontijiet oħra miżmuma f'xi istituzzjoni ta' kreditu li tappartjeni lil jew li hija kontrollata mid-detentur tal-liċenza jew li tappartjeni lil jew li hija kontrollata minn *trustee* kif hawn qabel imsemmi, skond ma l-Awtorità setgħet stabbiliet skond is-subregolament (2)(*b*) li għandhom jiġu inklużi ma' flejjes fil-kontijiet tal-klijenti.

Informazzjoni lill-Awtorità dwar kontijiet tal-ġugaturi.

**41.** Id-detentur ta' liċenza għandu jordna u jawtorizza lill-istituzzjoni finanzjarja ta' kreditu li tkun qegħda tieħu ħsieb kont ta' ġugatur, sabiex tagħti kull informazzjoni li l-Awtorità tista' titlobha dwar il-kontijiet ta' ġugaturi.

## Taqsima IX

## Protezzjoni Finanzjarja tal-Ġugatur

Twissija dwar problemi tal-logħob.

**42.** Detentur ta' liċenza għandu juri f'kull ħin, u f'post prominenti, fid-daħla tal-*website* tiegħu, twissija dwar il-possibilità li wieħed jagħti ruħu għal-logħob b'vizzju, kif ukoll informazzjoni u *links* għal *websites* oħra li jgħinu lil-lagħaba kompulsivi.

Limiti li l-ġugaturi jagħtu huma nfushom.

**43.** (1) Ġugatur reġistrat jista' permezz ta' avviż bil-miktub jew avviż elettroniku li jagħti lid-detentur ta' liċenza:

(*a*) jillimita l-ammont li ġugatur jista' jilgħab matul żmien speċifikat;

(*b*) jillimita t-telf li l-ġugatur jista' jagħmel matul żmien speċifikat;

(*ċ*) jillimita l-ħin li fih il-ġugatur jista' jilgħab matul sessjoni waħda;

(*d*) jeskludi lill-ġugatur milli jilgħab għal tul ta' żmien definit jew indefinit.

(2) Ġugatur li jkun għamel xi limitu jew esklużjoni taħt dan ir-

regolament jista' jibdel jew jirrevoka dak il-limitu jew esklużjoni b'avviż bil-miktub jew avviż elettroniku li jagħti lid-detentur ta' liċenza.

(3) Avviż li jżid jew jirrevoka limitu jew inaqqas iż-żmien ta' eskluzjoni jidħol biss fis-seħħ sebat ijiem wara li d-detentur ta' liċenza ikun irċieva l-avviż.

(4) Avviż li jnaqqas limitu, jew li jżid iż-żmien ta' esklużjoni għandu jidħol fis-seħħ minnufih wara li jkun irċevih id-detentur ta' liċenza.

(5) Detentur ta' liċenza ma għandux jaċċetta ġugata mingħand ġugatur li tmur kontra limitu jew esklużjoni li l-ġugatur ikun għamel għalih innifsu taħt dan ir-regolament.

*Counters.*

**44.** (1) Meta l-logħba tkun tidher fuq skrin id-detentur ta' liċenza għandu juri fuq l-iskrin f'kull ħin waqt il-logħba, *counter* li awtomatikament jaġġorna u juri l-bilanċ fil-kont tal-ġugatur.

(2) (*a*) Id-detentur ta' liċenza għandu wkoll jipprovdi għal kull ġugatur *reality check* awtomatika f'intervalli ta' siegħa.

(*b*) Ir-*reality check* awtomatiku għandha:

(i) tissospendi l-logħba;

(ii) turi b'mod ċar il-ħin li l-ġugatur ikun ilu jilgħab;

(iii) turi r-rebħ u t-telf tal-ġugatur matul dak il-ħin;

(iv) teħtieġ lill-ġugatur jikkonferma li jkun qara l-messaġġ;

(v) jagħti għażla lill-ġugatur li jew itemm is-sessjoni jew ikompli jilgħab il-logħba.

Valuta.

**45.** L-ammonti kollha murija relatati ma' ġugati u rebħ għandhom jiġu kkwotati bis-simbolu tal-valuta li l-ġugatur ikun qiegħed jilgħab biha.

Logħob fuq skrin sħiħ mhux permess.

**46.** Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 45, logħbiet fuq skrin sħiħ ma jistgħux jiġu offruti lill-ġugaturi ħlief jekk fuq l-iskrin ikun jidher arloġġ b'ħin reali l-ħin kollu u l-ġugaturi jkunu dejjem jistgħu joħorġu mill-logħba.

Rikavat medju lill-ġugatur.
*Miżjud:*
*A.L. 131 tal-2016.*

**46A.** (1) Detentur ta' liċenza li joffri logħob li fih jiġi determinat ir-riżultat rebbieħ permezz ta' għażla każwali ripetittiva għandu jiżgura li, skont il-mod ta' kif inhi ddisinjata l-logħba, għandu jħallas fi premji mhux anqas minn tnejn u disgħin fil-mija (92%) tal-ammont ta' flus li jintlagħbu fuq dik il-logħba, jew perċentwali ogħla stipulata bħala kundizzjoni fil-liċenza.

(2) L-Awtorità tista' toħroġ direttiva li tirregola l-mod ta' kif id-detenturi ta' liċenza għandhom jirrappurtaw, jiċċertifikaw jew jaderixxu mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-regolament, u, jew li teżenta ċerti tipi jew kategoriji ta' logħob mir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament:

Iżda għall-iskop ta' kalkolu u sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-perċentwali li għaliha jirreferi s-subregolament (1), detentur ta' liċenza għandu jqis it-transazzjonijiet li seħħew mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem.

Taqsima X

Logħba li Tieqaf Qabel ma Tintemm
u Logħba li ma Taħdimx kif Suppost

**47.** (1) Detentur ta' liċenza għandu jagħmel dak kollu li hu raġonevoli sabiex jiżgura li s-sistema tal-*computer* approvata ta' detentur ta' liċenza tkun tippermetti li l-ġugatur li jkollu l-logħba li jkun qiegħed jipparteċipa fiha interrotta wara li jkun għamel l-ġugata tiegħu minħabba f'xi ħaġa fis-sistema ta' telekomunikazzjoni jew minħabba f'xi ħaġa fis-sistema tal-*computer* tal-ġugatur li biha l-ġugatur ma jkunx jista' jkompli l-logħba, li jkun jista' jkompli hekk kif is-sistema tiġi rranġata, bil-parteċipazzjoni tiegħu fil-logħba li tkun ġiet interrotta minn fejn ikun wasal eżatt qabel l-interruzzjoni.

Proċeduri meta l-logħba tieqaf qabel ma tintemm.

(2) Jekk il-*computer* tad-detentur ta' liċenza ma jkunx jippermetti lil ġugatur, wara li tissewwa s-sistema, ikompli l-logħba li tkun ġiet interrotta minħabba fi ħsara fis-sistema ta' telekomunikazzjoni jew fis-sistema tal-*computer* tal-ġugatur, id-detentur ta' liċenza għandu:

(*a*) jiżgura li l-logħba tiġi terminata;

(*b*) jagħti lura lill-ġugatur l-ammont tal-ġugata billi jpoġġi dak l-ammont fil-kont tal-ġugatur.

**48.** Jekk tinbeda logħba iżda ma taħdimx kif suppost minħabba fi ħsara fis-sistema ta' tħaddim tal-*computer* tad-detentur ta' liċenza, id-detentur ta' liċenza għandu:

Proċeduri meta l-logħba ma taħdimx kif suppost.

(*a*) (i) jagħti lura lill-ġugatur l-ammont li jkun intlagħab f'dik il-logħba lill-ġugatur billi jpoġġi dak l-ammont fil-kont tal-ġugatur, jew jekk il-kont ma jkunx għadu jeżisti, billi jħallsu lill-ġugatur b'mod approvat; u

(ii) jekk il-ġugatur ikollu kreditu akkumulat fil-ħin li l-logħba ma taħdimx kif suppost, ipoġġi fil-kont tal-ġugatur il-valur monetarju ekwivalenti għal dak il-kreditu jew, jekk il-kont ma jkunx għadu jeżisti, iħallas l-ammont lill-ġugatur b'mod approvat;

(*b*) jinforma minnufih lill-Awtorità biċ-ċirkostanzi ta' l-inċident;

(*ċ*) jiddeżisti milli jopera xi logħba oħra jekk ikun probabbli li l-logħba jiġrilha l-istess ħsara:

Iżda l-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub lid-detentur ta' liċenza, tagħti istruzzjonijiet oħra lid-detentur ta' liċenza li jkunu jidhru opportuni lill-Awtorità fiċ-ċirkostanzi.

Taqsima XI

*Website* li għandha tinżamm mid-Detentur ta' Liċenza

**49.** Detentur ta' liċenza għandu jkollu *website* fejn l-*homepage* tagħha jkollha din l-informazzjoni:

Kontenut tal-*homepage.*

(*a*) l-isem reġistrat tas-soċjetà tad-detentur ta' liċenza;

(*b*) l-indirizz ta' l-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà;

(*ċ*) in-numru uffiċjali u d-data tal-ħruġ tal-liċenza;

(*d*) stqarrija li l-operazzjonijiet tad-detentur ta' liċenza huma regolati mill-Awtorità;

(*e*) *hyperlink* għall-*website* ta' organizzazzjonijiet speċjalizzati fl-għajnuna li jagħtu lil-lagħaba, u li jkunu approvati mill-Awtorità;

(*f*) *hyperlinks* għar-regoli ta' logħbiet jew imħatri li jistgħu jintlagħbu u l-proċduri adottati mid-detentur ta' liċenza biex jiġu reġistrati l-ġugaturi;

(*g*) il-*kitemark* ta' l-Awtorità li għandha sservi ukoll bħala *link* għall-*website* ta' l-Awtorità;

(*h*) kull informazzjoni oħra li l-Awtorità jista' jidhrilha li tkun meħtieġa u spedjenti:

Iżda l-Awtorità tista' teħtieġ li l-informazzjoni kollha bħal dik għandha tkun ippreżentata f'xi forma partikolari.

Informazzjoni dovuta lill-ġugatur. *Miżjud: A.L. 131 tal-2016.*

**49A**. Id-detentur ta' liċenza għandu jgħarraf u jipprovdi u jagħti aċċess f'kull ħin lill-ġugaturi għall-informazzjoni dwar kull kummissjoni jew ħlas miżmum mid-detentur tal-liċenza, jew kull ħlas ieħor pagabbli mill-ġugaturi, liema informazzjoni għandha tinkludi l-ammont pagabbli bħala kummissjoni jew ħlas miżmum mid-detentur tal-liċenza jew kull ħlas ieħor dovut mill-ġugaturi.

Iżda l-Awtorità tista', għal perjodu transitorju ta' mhux iktar minn tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, u għal raġuni li l-Awtorità tqis bħala raġjonevoli, teżenta persuni fil-pussess ta' liċenza mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

## Taqsima XII

## Żamma ta' *Records* u Kontijiet

Proċedura kif jinżammu r-*records*.

**50.** L-Awtorità tista' b'avviż bil-miktub lid-detentur ta' liċenza:

(*a*) tapprova post indikat mid-detentur ta' liċenza, liema post ikun differenti mill-uffiċċju reġistrat tad-detentur ta' liċenza, bħala post fejn jinżamm il-logħob minn distanza tad-detentur ta' liċenza;

(*b*) tispeċifika dawk ir-*records* tal-logħob minn distanza ta' detentur ta' liċenza li ma jkunx hemm bżonn li jinżammu fil-post approvat;

(*ċ*) tispeċifika dawk ir-*records* ta' logħob minn distanza tad-detentur ta' liċenza li għal xi żmien jistgħu jinżammu f'post ieħor minflok fil-post approvat, u ż-żmien li matulu, jew iċ-ċirkostanzi li fihom, ir-*records* jistgħu jinżammu f'dak il-post l-ieħor;

(*d*) tapprova li informazzjoni li jkun hemm f'*record* ta' logħob minn distanza tkun tista' tiġi miżmuma b'mod differenti mill-mod kif l-informazzjoni għandha tinżamm taħt is-sistema tal-kontroll approvata tad-detentur ta' liċenza.

**51.** Id-detentur ta' liċenza għandu, fir-rigward tan-negozju u l-affarijiet relatati ma' l-operazzjonijiet ta' logħob minn distanza, iżomm kontijiet kif għandu jkun u *records* li juru l-qagħda finanzjarja u l-affarijiet kif inhuma tad-detentur ta' liċenza, b'mod ġust. Il-kontijiet iridu juru l-qagħda finanzjarja ġusta.

**52.** (1) Id-dententur ta' liċenza għandu, fi żmien mija u tmenin jum minn tmiem is-sena finanzjarja tiegħu, jippreżenta lill-Awtorità ġabra verifikata ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji li jkunu ġew preparati skond *standards* ta' rappurtar finanzjarju internazzjonali. Dikjarazzjoni finanzjarja li tiġi ppreżentata. *Emendat: A.L. 270 tal-2007.*

(2) Id-detentur ta' liċenza għandu, fi żmien tletin ġurnata minn għeluq nofs is-sena, jippreżenta lill-Awtorità dikjarazzjonijiet finanzjarji għal dak il-perjodu, li jkunu ġew preparati skond *standards* ta' rappurtar finanzjarju internazzjonali, u li juru r-riżultati tad-detentur ta' liċenza u jkunu ffirmati mill-uffiċjal ewlieni.

(3) L-Awtorità tista' titlob iktar informazzjoni finanzjarja ulterjuri f'dik il-forma li tkun speċifikata minnha.

**53.** L-Awtorità tista', fid-diskrezzjoni unika tagħha, tmexxi investigazzjoni tad-detentur ta' liċenza u, jew ta' uffiċjal ewlieni, jekk ikunu ġibdulha l-attenzjoni jew ikollha għaliex taħseb illi d-detentur ta' liċenza u, jew l-uffiċjal ewlieni ma jkunux qegħdin josservaw id-disposizzjonijiet ta' l-Att u, jew ta' dawn ir-regolamenti. L-Awtorità tista' tmexxi investigazzjoni.

## Taqsima XIII

## Infurzar

**54.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 18, 19 u 20 ta' l-Att, spettur għandu, bil-għan li jaċċerta ruħu li dawn ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet kollha ta' liċenza maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu mħarsa, u li kull ammont ta' ħlasijiet, taxxi u ammonti oħra pagabbli taħt l-Att jew tatħt dawn ir-regolamenti, qegħdin jiġu mħallsa, ikollu wkoll dawn il-poteri li ġejjin: Poteri ta' spetturi.

(*a*) li jispezzjona, jittestja u jeżamina kull apparat jew *software* li jkun qiegħed jintuża fl-operazzjoni ta' logħob minn distanza;

(*b*) li jċaqlaq kull apparat jew *software* lejn xi post ieħor jew fond approvat u msemmi għal daqstant mill-Awtorità, bil-għan li jispezzjona jew jeżamina dak l-apparat jew *software* hemmhekk;

(*ċ*) li jispezzjona kull fond, kemm approvat kemm mhux, fejn ikunu qegħdin jinżammu apparat, *software*, dokumenti jew *records*;

(*d*) li jitlob informazzjoni jew li jiġi prodott xi dokument jew ħaġa oħra għall-finijiet ta' spezzjon;

(*e*) li jieħu xi dokumenti jew xi ħaġa oħra prodotta taħt id-disposizzjoni tal-paragrafu ta' qabel dan, jew li tkun instabet waqt l-ispezzjoni, bil-għan li jeżamina dak id-dokument jew dik il-ħaġa, jew li jagħmel kopji jew

jieħu estratti minnhom.

(2) Spettur li jieħu apparat, *software*, dokument jew xi ħaġa oħra mill-fond approvat jew xi post ieħor taħt id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) għandu l-ewwel jagħti riċevuta lis-sid jew lill-persuna li tkun qegħda tieħu ħsieb dak il-fond jew post u, bla ħsara għas-subregolament (3), għandu jrodd minnufih l-apparat, *software*, dokument jew ħaġa oħra fil-fond jew post ieħor wara li jkun temm l-ispezzjoni, l-eżami, test, għemil ta' kopji jew teħid ta' estratti skand il-każ.

(3) Spettur jista', għall-finijiet ta' evidenza, iżomm kull apparat, *software*, dokument jew ħaġa oħra li jsib waqt ħidma taħt id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, u li raġonevolment jaħseb fuq bażi ta' probabbiltà li tista' sservi bħala prova ta' ksur jew nuqqas ta' ħarsien ta' xi disposizzjoni taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda l-kopji jew estratti minn dokumenti jew ħaġa oħra li tkun ittieħdet minn fond li jkollu liċenza jew minn post ieħor taħt id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, u li jkunu ċertifikati minn uffiċjal ta' l-Awtorità li jagħmel il-kopji jew jieħu l-estratti bħala kopji veri jew estratt mill-oriġinal, għandhom ikunu ammissibli bħala prova u dan sa l-istess limitu, u jkollhom l-istess valur probatorju daqs id-dokument jew kull ħaġa li tagħhom ikunu kopja jew li jkunu estratti minnhom.

Mġieba waqt li ssir l-ispezzjoni.

**55.** (1) Is-sid jew min ikun qiegħed jieħu ħsieb il-fond jew post li fih jidħol spettur taħt id-disposizzjonijiet tar-regolament 54, u kull ħaddiem jew aġent ta' dik il-persuna għandu jagħti kull għajnuna raġonevoli lill-ispettur biex jeżerita l-poteri mogħtija lilu taħt l-artikoli 18 u 19 ta' l-Att u r-regolament 54, u għandu jagħti lill-ispettur dak l-apparat, *software*, *records*, dokumenti, informazzjoni jew kull ħaġa oħra li l-ispettur jista' raġonevolment jitlob.

(2) L-ebda persuna ma għandha ttellef, tfixkel jew b'xi mod ieħor tindaħal jew tagħmel dikjarazzjonijiet foloz jew qarrieqa, kemm verbalment kemm bil-miktub, jew tipprovdi jew iġġib dokument jew xi ħaġa oħra li jkunu foloz lil spettur li jkun qiegħed jaqdi dmirijietu taħt dan ir-regolament:

Iżda kull azzjoni jew omissjoni jew mġieba oħra li tmur kontra id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandha titqies bħala reat kontra l-Att.

Taqsima XIV

Kif jiġu ttrattati l-Ilmenti

Indaġni dwar ilmenti li jsiru.

**56.** (1) Detentur ta' liċenza għandu minnufih jindaga dwar kull ilment magħmul lid-detentur ta' liċenza jew lill-Awtorità minn ġugatur reġistrat dwar dan li ġej:

(*a*) l-operazzjoni ta' logħba mħaddma mid-detentur ta' liċenza;

(*b*) l-imġieba ta' xi aġent tad-detentur ta' liċenza fl-operazzjoni li għandha x'taqsam ma' logħba mħaddma

mid-detentur ta' liċenza.

(2) Id-detentur ta' liċenza għandu jgħarraf lil min ikun għamel l-ilment, jew lill-Awtorità, meta l-ilment ikun twassal għand id-detentur ta' liċenza mill-Awtorità, b'avviż bil-miktub jew b'xi mezz ta' telekomunikazzjoni, bir-riżultati ta' l-indaġni fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta l-ilment ikun ġie ppreżentat lid-detentur ta' liċenza.

(3) Meta l-ilment isir direttament lill-Awtorità din tista':

(*a*) jew tindaga hi stess dwar l-ilment; jew

(*b*) twassal l-ilment lid-detentur ta' liċenza li dwaru jkun sar l-ilment:

Iżda d-detentur ta' liċenza għandu jimxi mal-proċeduri msemmijin fis-subregolament (2).

(4) Ilment għandu jinkludi informazzjoni ċara u inekwivoka dwar l-identità ta' min ikun qieghed jagħmel l-ilment, u għandu jkun fih id-dettalji relevanti kollha li jkunu taw lok għall-ilment.

Taqsima XV

Disposizzjonijiet Finanzjarji

**57.** Detentur ta' liċenza għandu jħallas lill-Awtorità ir-rata tat-taxxa stabbilita fir-Raba' Skeda.

Taxxa fuq il-logħob.
*Sostitwit:*
*A.L. 90 tal-2011.*

Taqsima XVI

Reati u Pieni

**58.** Kull ksur ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies bħala reat kontra l-Att, u kull persuna li tinstab ħatja ta' reat tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn sitt elef u disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) u mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€232,937.34) jew priġunerija għal żmien mħux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Kontravenzjonijiet, reati u pieni.
*Emendat:*
*A.L. 426 ta' l-2007.*

Iżda meta l-persuna ħatja ta' xi reat tkun reċidiva, tista' teħel multa ta' mhux inqas minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) u mhux iżjed minn tliet mija u disgħa u erbgħin elf u erba' mija u sitt euro u ċenteżmu (€349,406.01), jew priġunerija għal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda wkoll meta l-persuna li hekk tinstab ħatja tkun id-direttur, il-*manager*, is-segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dak ta' kumpannija jew intrapriża oħra, dik il-persuna għandha għall-finijiet ta' dan ir-regolament, titqies li tkun vestita bir-rappreżentanza ġuridika ta' l-istess kumpannija jew intrapriża oħra, li għandhom skond hekk ikunu solidament responsabbli mal-persuna li tinsab ħatja għall-ħlas ta' dik il-multa.

Penali amministrattiva.
*Emendat: A.L. 426 ta' l-2007.*

**59.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 67, 68, 69, 70, 71 , 72, 73 u 74 ta' l-Att, l-Awtorità tista', bi qbil mad-detentur ta' liċenza li jikser kondizzjoni tal-liċenza tiegħu jew xi direttiva maħruġa mill-Awtorità skond dawn ir-regolamenti, timponi piena jew sanzjoni amministrattiva fuq dak id-detentur ta' liċenza:

Iżda dik il-piena jew sanzjoni amministrattiva tista' tiġi imposta minflok proċedimenti bil-qorti u ma għandhiex tkun iżjed minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€232,937.34).

## Taqsima XVII

## Reklamar

Limitu fuq reklamar.

**60.** (1) L-ebda detentur ta' liċenza ma għandu jagħmel xi reklamar jew jippermetti lil xi ħadd involut fl-operazzjonijiet tiegħu li jagħmel xi reklamar li:

(*a*) jagħti x'tifhem illi l-logħob minn distanza jippromwovi jew li hu meħtieġ biex persuna tiġi aċċettata fis-soċjetà, suċċess personali jew finanzjarju, jew bħala soluzzjoni ta' problemi ekonomiċi, soċjali jew personali;

(*b*) ikun fih stqarrijiet minn personalitajiet magħrufa li jissuġġerixxu li l-logħob minn distanza jkun ikkontribwixxa għas-suċċess tagħhom;

(*ċ*) ikun speċifikatament intiż biex jinkoraġġixxi persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena biex jieħdu sehem fil-logħob minn distanza;

(*d*) ikun jeċċedi l-limiti tad-deċenza.

(2) Id-detentur ta' liċenza ma għandux ikollu x'jaqsam f'xi attività li fiha tintbagħat posta elettronika li ma tkunx ġiet mitluba, kemm jekk dan isir permezz ta' l-operazzjoni tiegħu kemm bis-sehem ta' terzi.

*Miżjuda: A.L. 131 tal-2016.*

## Taqsima XVIII

## Sistema ta' Monitoraġġ

Sistema ta' monitoraġġ.
*Miżjud: A.L. 131 tal-2016.*

**61.** (1) L-Awtorità tista', f'kull ħin, titlob lil detentur ta' liċenza, lil kategorija speċifika ta' detenturi ta' liċenza jew lid-detenturi kollha sabiex iqabbdu kull sistema minn tagħhom mas-sistema ta' monitoraġġ operata mill-Awtorità, u li jżommu tali konnessjoni f'kull ħin.

(2) Fl-eventwalità li l-Awtorità timponi r-rekwiżit imsemmi fis-sub-regolament (1), l-Awtorità tista' tispeċifika l-i*standards* u l-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tas-sistema ta' monitoraġġ fid-direttivi, u d-detenturi ta' liċenza għandhom jibdlu jew jaġġornaw is-sistemi tagħhom kif meħtieġ sabiex ikunu konformi mas-sistema ta' monitoraġġ u mar-rekwiżiti tal-Awtorità.

Użu tas-sistema ta' monitoraġġ.
*Miżjud: A.L. 131 tal-2016.*

**62.** (1) L-Awtorità tista' tuża s-sistema ta' monitoraġġ sabiex:

(*a*) tirċievi r-rapporti jew dikjarazzjonijiet li d-detenturi

ta' liċenza huma obbligati li jissottomettu lill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti, kull direttiva, kull liġi oħra applikabbli jew kundizzjoni tal-liċenza;

(*b*) tissorvelja u tir?ievi informazzjoni relatata mal-logħob u mal-operat tal-logħob, inkluż informazzjoni fuq ġugaturi, logħob u informazzjoni finanzjarja kif meħtieġ mill-Awtorità għat-twettiq tal-objettivi tagħha taħt il-liġi;

(*ċ*) tinvestiga l-osservanza tad-detentur ta' liċenza mal-Att, dawn ir-regolamenti, kull kundizzjoni ta' liċenza, direttiva, u kull leġislazzjoni oħra applikabbli, inkluż kull liġi jew regolamenti fis-seħħ dak iż-żmien għall-prevenzjoni mill-ħasil tal-flus;

(*d*) tiġbor statistika u analiżi f'format aggregat u riċerka; u

(*e*) għal kwalunkwe skop ieħor rikjest mill-Awtorità biex twettaq l-objettivi tagħha taħt il-liġi, jew kif speċifikat fid-direttivi maħruġa mill-Awtorità minn żmien għal żmien.

(2) Kull informazzjoni miġbura mill-Awtorità taħt is-subregolament (1)(*d*) tista' tkun disponibbli għall-pubbliku.

(3) L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli sabiex tikkumpensa lil xi persuna għal telf jew dannu soffert minn ħsara fis-sistema ta' monitoraġġ, jew fis-sistema ta' telekommunikazzjoni użata biex topera s-sistema ta' monitoraġġ.

Osservanza tar-rekwiżiti tas-sistema ta' monitoraġġ.
*Miżjud: A.L. 131 tal-2016.*

**63.** Fejn l-obbligi msemmija fir-regolament 61 huma fis-seħħ, detentur ta' liċenza għandu jiżgura li s-sistema tiegħu, u l-mezzi ta' komunikazzjoni minn distanza, li magħhom is-sistema tiegħu hija konnessa mas-sistema ta' monitoraġġ, jkunu konformi ma' kull *standard* jew rekwiżit stabbilit mill-Awtorità, u jibqgħu konformi matul il-perjodu tal-liċenza, u m'għandhomx jiġu mibdula, imbagħbsa, jew ipprogrammati mill-ġdid minn xi persuna mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità.

*Emendata:*
*A.L. 90 tal-2011.*

L-Ewwel Skeda

Regolament 3

Liċenzi

1. L-applikanti jistgħu japplikaw għal xi waħda jew kull waħda minn dawn il-liċenzi:

(*a*) Liċenza għal-Loghob minn Distanza Klassi 1 hija liċenza għal logħob minn distanza.

(*b*) Liċenza għal-Loghob minn Distanza Klassi 2 hija liċenza ta' uffiċċju ta' mħatri minn distanza.

(*ċ*) Liċenza għal-Logħob minn Distanza Klassi 3 hija liċenza biex tippromwovi u, jew tħajjar il-logħob minn distanza minn Malta.

(*d*) Liċenza għal-Loghob minn Distanza Klassi 4 hija liċenza għall-*hosting* u mmaniġġar ta' operaturi ta' logħob *online*, eskluż id-detentur ta' dik il-liċenza nnifsu.

---

*Emendata:*
*A.L. 426 ta' l-2007.*
*Sostitwita:*
*A.L. 90 tal-2011.*

It-Tieni Skeda

Regolament 6

Ħlas ta' Applikazzjonijiet u Liċenzi

1. Flimkien mal-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza għal logħob minn distanza, applikant għandu jħallas lill-Awtorità ħlas ta' elfejn, tliet mija u tletin euro (€2,330).

2. Ħlas ta' liċenza ta' tmint elef u ħames mitt euro (€8,500) għandu jitħallas lill-Awtorità mid-detentur tal-liċenza kull sena bil-quddiem:

Iżda l-ewwel ħlas ta' liċenza għandu jitħallas minnufih qabel ma l-Awtorità toħroġ il-liċenza.

3. Meta ssir applikazzjoni għat-tiġdid ta' liċenza għal logħob minn distanza, id-detentur ta' liċenza għandu jħallas lill-Awtorità ħlas ta' tiġdid ta' elf u ħames mitt euro (€1,500).

4. Flimkien ma' kull talba jew applikazzjoni magħmula minn detentur ta' liċenza għal approvazzjoni mill-Awtorità skont ir-regolament 11(1) u (3), id-detentur ta' liċenza għandu jallas lill-Awtorità ħlas ta' elf u ħames mitt euro (€1,500).

5. Flimkien ma' kull talba jew applikazzjoni magħmula minn detentur ta' liċenza għall-approvazzjoni mill-Awtorità skont ir-regolament 11(4)(*e*), id-detentur ta' liċenza għandu jħallas lill-Awtorità:

(*a*) dritt ta' sebgin euro (€70) għal ftehim sempliċi, u dan id-dritt għandu sussegwentement jitħallas ta' kull sena lill-Awtorità kemm-il darba l-Awtorità ma tiġix avżata li l-arranġament kontrattwali jkun ġie terminat:

Iżda f'ebda każ m'għandu detentur ta' liċenza jħallas somma li teċċedi t-tletin elf euro (€30,000) skont dan il paragrafu;

(*b*) rata ta' ħlas amministrattiv fis-siegħa għal kull ftehim kumpless, li jiġi

deċiż minn qabel u komunikat lid-detentur ta' liċenza qabel jibda' il-proċess tal-approvazzjoni:

Iżda l-Awtorità tista' teħtieġ lill-applikanti kollha għal dawk l-approvazzjonijiet iħallsu l-ispejjeż amministrattivi li jsiru biex jiġi rivedut kull ftehim bħal dak.

---

It-Tielet Skeda

Regolament 25

Ħtiġijiet Tekniċi għas-Sistema ta' Logħob

*Emendata: A.L. 131 tal-2016.*

1. Is-sistema tal-logħob għandha:

(*a*) issegwi fedelment ir-regoli tal-logħba ppublikati mill-operatur; u

(*b*) ma tirrendi fuq medda ta' żmien xejn iżjed lill-operatur ħlief il-vantaġġi li hu mistenni li jkollu.

2. Kemm il-logħob kemm it-transazzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu jaqblu u fiż-żgur.

3. Is-sistema tal-logħob għandha tikkonforma ma' kriterji ta' *randomness*, skond Schneier, kif ġej:

(*a*) id-*data* għandha tkun ġenerata b'mod *random*, b'tant illi tgħaddi mit-testijiet ta' statistika xierqa dwar *randomness*;

(*b*) id-*data* għandha tkun tali li ma tistax tiġi mbassra, jiġifieri li ma jkunx possibbli li jiġi matematikament kalkolat u mbassar x'ser ikun in-numru li jmiss, wkoll jekk ikollok għarfien sħiħ ta' l-*algorithm* jew *hardware* li jiġġenera s-sekwenza, tan-numri kollha li jkunu ġew ġenerati qabel;

(*ċ*) is-serje ma tkunx tista' tiġi riprodotta b'mod ta' min joqgħod fuqu, jiġifieri jekk il-ġeneratur tas-sekwenza jerġa' jkun attivat bl-istess *input* (b'mod eżatt daqs kemm hu raġonevolment possibbli) dan jipproduċi żewġ sekwenzi *random* li ma jkollhom xejn x'jaqsmu ma' xulxin.

4. Ir-riżultat ta' xi logħba, u r-rikavat li jingħata lill-ġugatur, għandhom ikunu indipendenti mis-CPU, memorja, disk jew komponenti oħra użati fl-apparat għal-logħob użat mill-ġugatur.

5. Il-logħba jew ir-riżultat ta' logħba ma għandhomx ikunu affettwati mill-*bandwidth* effettiva, utilizzazzjoni tan-ness, rata ta' *bit error* jew xi karatteristika oħra tal-kanal ta' komunikazijoni bejn is-sistema ta' logħob u l-apparat għal-logħob li jintuża mill-ġugatur.

6. Is-sistema ta' logħob għandha tkun tista' turi, għal kull logħba, din l-informazzjoni fuq il-paġna wżata jew fuq paġna li tkun aċċessibbli direttament mill-paġna wżata permezz ta' *hyperlink*:

(*a*) l-isem tal-logħba;

(*b*) limitazzjonijiet fuq il-logħob;

(*ċ*) istruzzjonijiet kif tilgħab, li jinkludu *pay table* għall-premijiet kollha u *features* speċjali;

(*d*) il-bilanċ korrenti fil-kont tal-ġugatur;

(*e*) il-*unit* u t-total tal-ġugati permessi;

(*f*) ir-regoli tal-logħba;

(*g*) informazzjoni dwar ir-rikavat medju mħallas lill-ġugaturi fuq medda ta' żmien jew ammont partikolari ta' logħob.

7. Ir-rapporti finanzjarji kollha prodotti mis-sistema ta' logħob għandhom ikunu jaqblu mar-rapporti dwar transazzjonijiet ta' logħba u viċi versa:

Iżda kull tali rapport għandu jkun disponibbli l-ħin kollu u bla ebda ħlas biex tarah l-Awtorità.

8. Is-sistema tal-logħob għandha:

(*a*) tkun tista' tipproduċi ta' kull xahar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kollha dwar it-transazzjonijiet ta' logħob, hekk li jkunu jistgħu jiġu awditjati;

(*b*) tikkalkola bl-eżatt it-taxxa u l-flejjes kollha dovuti lill-Awtorità.

9. Is-sistema ta' logħob għandha żżomm informazzjoni dwar il-logħob kollu li jintlagħab, inkluż:

(*a*) l-identità tal-ġugatur;

(*b*) il-ħin li fih bdiet il-logħba, kif reġistrat fuq is-server tal-logħbiet;

(*ċ*) il-bilanċ fil-kont tal-ġugatur fil-bidu tal-logħba;

(*d*) il-ġugati li jintlagħbu (*time stamped* mis-*server* tal-logħbiet);

(*e*) l-istatus tal-logħba (jekk hix qegħda tintlagħab, spiċċat, eċċ.);

(*f*) ir-riżultat tal-logħba (*time stamped* mis-*server* tal-logħbiet);

(*g*) il-ħin li fih spiċċat il-loghba kif reġistrat mis-*server* tal-logħbiet;

(*h*) l-ammont mirbuħ jew mitluf mill-ġugatur; u

(*i*) il-bilanċ fil-kont tal-ġugatur fi tmiem il-logħba.

10. Is-sistema ta' logħob għandha żżomm informazzjoni dwar il-ġrajjiet sinifikanti, kif ġej:

(*a*) rebħiet kbar;

(*b*) trasferimenti ta' fondi li jkunu ta' ammont ikbar minn dak l-amnont li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tordna lill-operatur b'avviż bil-miktub;

(*ċ*) bidliet magħmulin mill-operatur fil-parametri tal-logħba.

11. Kull varjazzjoni ta' xi rekwiżit imsemmi f'din l-Iskeda għandha tiġi ppreżentata sabiex tiġi approvata mill-Awtorità b'avviż bil-miktub.

Ir-Raba' Skeda

Regolament 57

Taxxa

*Emendata: A.L. 426 ta' l-2007. Sostitwita: A.L. 90 tal-2011.*

1. Detentur ta' liċenza, li jkollu liċenza kif imiss maħaruġa mill-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob, għandu jallas lill-Awtorità f'isem il-Gvern din ir-rata ta' taxxa li ġejja:

(*a*) Detentur ta' liċenza tal-Klassi 1 għandu jħallas somma ekwivalenti għal erbat elef, sitt mija u sittin euro (€4,660) għall-ewwel sitt xhur u sussegwentament għal sebat elef euro (€7,000) kull xahar għall-perjodu kollu tal-liċenza:

Iżda Detentur ta' Liċenza tal-Klassi 1 li jopera fuq *hosting platform* u li jkollu liċenza għal Logħob minn Distanza tal-Klassi 4, għandu jħallas elf u mitejn euro (€1,200) kull xahar għall-perjodu kollu tal-liċenza.

(*b*) Detentur ta' liċenza tal-Klassi 2, inkluż Detentur ta' liċenza tal-Klassi 2 li jopera fuq *hosting platform* u li jkollu liċenza għal Logħob minn Distanza tal-Klassi 4, għandu jħallas somma ekwivalenti għal nofs wieħed fil-mija (0.5%) fuq l-ammonti gross ta' imħatri aċċettati f'operazzjonijiet ta' imħatri minn distanza.

(*ċ*) Detentur ta' Liċenza tal-Klassi 3, inkluż Detentur ta' Liċenza tal-Klassi 3 li jopera fuq *hosting platform* u li jkollu liċenza għal Logħob minn Distanza tal-Klassi 4, għandu jħallas somma ekwivalenti għal ħamsa fil-mija (5%) fuq id-dħul effettiv:

Iżda l-Awtorità, skont l-artikolu 76A tal-Att, tista' toħroġ direttivi li jidhrilha li jkunu meħtieġa dwar il-komputazzjoni tad-dħul effettiv:

Iżda wkoll id-detentur ta' liċenza ma jkollu jedd għal ebda ħelsien, tnaqqis, kreditu jew tpaċija ta' ebda xorta għar-rigward ta' dik it-taxxa.

(*d*) Detentur ta' Liċenza tal-KLassi 4, li hija għall-*hosting* u l-immaniġġar ta' operaturi ta' logħob minn distanza oħrajn -

(i) m'għandu jħallas ebda taxxa fl-ewwel sitt xhur;

(ii) għandu jħallas elfejn, tliet mija u tletin euro (€2,330) kull xahar għas-sitt xhur sussegwenti u;

(iii) għandu jallas erbat elef, sitt mija u sittin euro (€4,660) kull xahar, għall-perjodu ta' wara kollu tal-liċenza:

Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, id-Detentur ta' Liċenza tal-Klassi 4 għandu jħallas ukoll taxxa ta' elf, mija u ħamsa u sittin euro (€1,165) fix-xahar, għal kull operatur li ma jkollux il-liċenza rilevanti tal-Klassi 1, Klassi 2 jew Klassi 3 skont dawn ir-regolamenti, li jkun *hosted* u maniġġat mid-Detentur ta' Liċenza tal-KLassi 4 fuq il-*platform* tiegħu.

2. F'kull każ it-taxxa dovuta minn kull detentur ta' liċenza għandha titħallas kull xahar sa mhux aktar tard mill-għoxrin (20) ġurnata tax-xahar ta' wara.

3. F'kull każ l-ogħla taxxa li titħallas fis-sena minn detentur ta' liċenza wieħed għar-rigward ta' liċenza għal logħob minn distanza waħda m'għandhiex teċċedi l-erba' mija u sitta u sittin elf euro (€466,000).

4. It-taxxa tal-logħob stabbilita b'dawn ir-regolamenti għal kull liċenza tal-logħob minn distanza maħruġa mill-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob issir

dovuta mid-data meta tibda l-operazzjoni ta' logħob, sakemm ma jiġix speċifikat xort'oħra mill-Awtorità.

5. L-Awtorità tista' toħroġ direttivi li jirregolaw l-għoti ta' tnaqqis, kreditu, tpaċija jew ħelsien ieħor għar-rigward ta' taxxa tal-logħob, li għandu jingħata jew fuq bażi unilaterali jew skont trattati bilaterali jew multilaterali, ta' kull ftehim, memoranda ta' ftehim jew arranġamenti oħra magħmulin ma' xi gvern barrani jew ma' xi awtorità lokali jew barranija jew aġenzija tal-gvern.